# Il-Vara ta' Sant'Elena



Il-Festa tal-qaddisa patruna tal-parroċċa ta' Birkirkara ssir fit-18 ta' Awwissu, jew l-ewwel Ħadd fuq din id-data, meta l-vara ta' Santa Elena toħroġ filgħodu fil-purċissjoni għall-ħabta tat-tmienja u wara sewwa ssir il-quddiesa Prepositorjali solenni bil-paniġirku u bl-orkestra.

Il-vara tal-injam inħadment fl-1837 mill-iskultur Bormliż Salvatore Psaila u ħallas għaliha l-Kav. Vincenzo Borg, mlaqqam Brared (1767-1837), iben Aloisio minn Birkirkara. Ċensu Borg, kien patrijott qalbieni li ħadem bla serħan għall-ħelsien ta Malta minn taħt idejn il-Franċiżi fi żmien l-imblokk tagħhom, 1800-1802. L-arma tal-kunjom tiegħu tidher fuq il-pedestall tal-vara ta' Sant'Elena. Jerfgħuha għaxar reffiegħa bil-konfratija bajda.

Il-vara nħadmet f'Birkirkara, n.86, Triq Hal-Għargħur, fid-dar hekk imsejħa "Il-Palazz ta' Santa'Elena". Il-vara turi sens profond reliġjuż speċjalment fil-ħarsa ta' għajnejha lejn is-Salib ta' Kristu; hija proporzjonata, majestuża u mponenti, u l-panneġġi ta' lbiesha huma varjati u sbieħ. Fl-1919 ġiet indurata mid-ditta Coleiro (Triq Kristofru, il-Belt): kuruna ġdida, u xi tibdil fil-pedestal, li sar fuq disinn ta' Giovanni Galdes fl-1919. Wara, saritilha dimostrazzjoni kbira f'Birkirkara.

Din l-istess vara terġa' toħroġ għall-purċissjoni fil-festa tal-Sejba tas-Salib, jew Santu Kruċ fix-xahar ta' Mejju, iżda filgħaxija wara l-għasar.

L-Iskultur Salvu Psaila twieled Bormla fl-20 ta' Jannar 1798 minn Tumas u Margerita Galea. Sar alliev ta' Mariano Gerada f'Bormla. Ħadem fl-injam, ġebel u rħam. Iżżewweġ lil Lorenza Vella, u kien joqgħod f'Birkirkara fejn fl-1837 ħadem il-vara ta' Sant'Elena. Lorenza mietet ta' 30 sena fl-14 ta' Frar, 1841 flimkien mat-tarbija li kellha. Salvu kien bniedem reliġjuż u ibnu Franġisku, skultur bħalu, kien igħinu fix-xogħol. Miet f'Birkirkara fid-dar tiegħu fit-12 ta' Novembru 1871. Kemm martu, kemm hu kellhom funeral bil-Kapitlu u Kleru, kollox bla ħlas, għall-opri sbieħ li hu kien ħadem f'Birkirkara i.e. l-altar maġġur u l-vara ta' Sant'Elena fil-Kolleġġjata.